

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000144/2013

lill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Judith Sargentini, Raül Romeva i Rueda, Jan Philipp Albrecht, Hélène Flautre, Franziska Keller, Ulrike Lunacek, Jean Lambert

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Iċ-ċittadinanza tal-UE għall-bejgħ

Fit-12 ta' Novembru 2013, il-Parlament ta' Malta approva abbozz ta' att li jippermetti li persuni b'nazzjonalità ta' pajjiżi terzi jixtru iċ-ċittadinanza Maltija, u b'hekk igawdu l-libertà ta' moviment fl-UE u aċċess għaż-żona ta' Schengen, għas-somma ta' EUR 650 000.

Filwaqt li deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' nazzjonalità u ċittadinanza huma kompetenza esklussiva tal-Istati Membri, id-deċiżjoni Maltija hija problematika minħabba li liċ-ċittadini l-ġodda tagħtihom id-dritt li jivvjaġġaw fl-UE u jiksbu aċċess għall-bqija taż-żona ta' Schengen, bla konsultazzjoni ma' pajjiżi membri oħra. Għaldaqstant tista' tiġi interpretata bħala abbuż tad-drittijiet li l-pajjiż kiseb permezz tas-sħubija tiegħu, kif ukoll bħala nuqqas ta' rispett fir-rigward ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi membri oħra taż-Żona ta' Schengen.

Din id-deċiżjoni tqajjem ukoll preokkupazzjonijiet importanti rigward diskriminazzjoni possibbli, minħabba l-fatt li iċ-ċittadinanza se jkunu jistgħu jixtruha biss l-aktar sinjuri fost il-persuni b'nazzjonalità ta' pajjiżi oħra.

Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk ċittadini Maltin humiex se jibbenefikaw minn din il-politika, pereżempju permezz tal-ġbir tat-taxxi. Iċ-ċittadinanza tinvolvi mhux biss drittijiet, imma wkoll responsabbiltajiet, iżda dan jista' ma jkunx jgħodd għall-investituri barranin.

Fl-aħħar nett, din id-deċiżjoni tqajjem mistoqsijiet dwar jekk il-ksib ta' iċ-ċittadinanza Maltija b'dan il-mod jimminax l-istess kunċett ta' ċittadinanza Ewropea.

Il-Kunsill jista' jikkjarifika jekk id-deċiżjoni tal-Parlament ta' Malta tirrispettax il-kelma tat-Trattati u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif ukoll il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni kif stabbilit fihom?

Tal-anqas f'ames Stati Membri oħra (Spanja, Ċipru, il-Portugall, il-Latvja u l-Greċja) offrew li jbigħu drittijiet ta' residenza bi skambju għal investiment f'negozji, proprjetà immobbli jew bonds tal-gvern. Il-Kunsill jista' jikkummenta dwar din is-sitwazzjoni?

Imressqa: 6.12.2013

Mgħoddija: 9.12.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 30.12.2013